**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Numru Tnejn u għoxrin (24)**

**18 ta' Diċembru 2025**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq It-Tiġrija. Il-laqgħa tal-kunsill bdiet fil-17.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

**Victor Curmi- Sindku**

**Dr. Christian Zammit - Kunsillier**

**Dr Francienne Muscat- Kunsilliera**

**Marion Rita Portelli- Kunsilliera**

**Leanne Micallef- Kunsilliera**

**Dr Kevin Cutajar- Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**Aaron Agius – Viċi Sindku**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

## 24.1 Talba

Intqagħlet talba tal-bidu flimkien. Is-Sindku s-Sur Victor Curmi ippresieda l-laqgħa.

## 24.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Il-Kunsill irċieva ittra t'apoloġija mill-Viċi Sindku Aaron Aġius li ma setgħax jattendi minħabba ċirkustanzi personali. Din l-apoloġija ġiet aċċettata bil-Viċi Sindku jiġi skużat mil-laqgħa.

## 24.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 22 u 23 u Skeda ta' Pagamenti 11;

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 22 u 23 kif ukoll l-Iskeda ta' pagamenti No 10 ġew iċċirkulati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Kunsilliera Dr. Kevin Cutajar kif ukoll Marion Portelli għamlu xi mistoqsijiet dwar pagamenti li se jsiru lil WSC kif jidhru fl-iskeda. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li dawk huma fondi li se jiġu refunded lura lil WSC wara li dawn kienu għaddew mill-istess WSC lill-Kunsill f'Novembru 2024. Ikopru żewġ LA's li kienu ħarġu mill-WSC, xogħolijiet ta' dranaġġ u ilma. Dan ix-xogħol ma kienx ġie inkorporat fit-tender u għalhekk il-Kunsill ma jistax jħallas lill-Kuntrattur. Għalhekk qed jgħaddu lura lill-WSC sabiex jieħdu ħsieb iħallsu l-Kuntrattur min-naħa tagħhom.

Il-minuti kif ukoll l-iskeda ta' pagamenti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Għal daqstant dawn huma meqjusa bħala dokumenti uffiċċjali.

## 24.4 Komunikazzjoni tas-Sindku u mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

Is-Sindku Victor Curmi informa lill-membri dwar:

- Update, Proġett taċ-Ċentru Ċiviku – Spjega li hemm issue ta' lavur u ta' livelli li jridu jaqblu mal-lavur. Għalhekk għadna qegħdin nistennew l-istima sabiex kif kien ġie maqbul nkunu nistgħu napplikaw għall-approvazzjoni ta' Direct Order.
- Dwar il-Proġett tal-Playingfield, għandna nistennew mingħand il-Perit Xerri sabiex dawn jiġu sottomessi lill-Project Green. Suppost li dalwaqt ikunu lesti.
- Il-Proġett tal-Qaċċa huwa proġettat li jibda fl-ewwel kwart tas-sena. Dan dejjem jekk jimxi kollox kif suppost u ma jkunx hemm problemi.
- Monument tal-Pjazza – Is-Sindku Victor Curmi qal li tkellem ukoll mal-President tal-XHRO u huma jaqblu wkoll li dan għandu jsir. Flimkien mas-Seg. Eżekuttiv, tkellimna mal-Perita Mariella Xuereb li ser tkun qed tieħu ħsieb tipprepara l-ispecifications biex tkun tista ssir sejħa għal artisti.
- Resurfacing tat-toroq fejn sar xogħol tal-Enemalta, huwa wkoll proġettat li jsir fl-ewwel kwart tas-sena. Triq il-Knisja, Triq San Ġużepp, Triq it-Tiġrija,

Ġgantija, Triq Masri, Triq Ġnien Xibla, Kummittiva, Triq Mannar u Triq l-Għejjun.

- Is-Sindku Victor Curmi semma li jħossu sodisfatt bis-sistema ta' tindif u knis li qed nadottaw. Din is-sistema miexja skont l-iskeda. Il-Kunsilliera Francienne Muscat issuġġeriet li mar-ritratti jintbgħatu wkoll l-ismijiet tat-toroq biex wieħed ikun jaf fejn waslu.
- Rigward Traffic Management, għaddejjin diversi laqgħat bejn il-Perit Scerri u Transport Malta. Qed nintalbu ħafna nformazzjoni u siteplans biex ikollna l-approvazzjonijiet għat-talbiet li ressaqna, u dan mhux qed jinkludi t-talba ta' Triq 28ta' April. Fl-4 ta' Diċembru l-Kunsill kiteb lill Transport Malta u talab sabiex isir meeting mal-Kunsill ħalli jiddiskuti sew Triq it-28 ta' April kif ukoll it-talbiet pendenti. Kien hemm qbil li nerggħu nibgħatu reminder wara l-festi.
- Is-Sindku Victor Curmi ippropona li jittella Kunċert Funebri ma' tal-banda għal żmien il-Għid. Il-Kunsillier Kevin Cutajar semma li jaqbel sakemm jkun qed jinbena fuq dak li diġa jsir. Is-Sindku wieġeb illi dan ikun b'kollaborazzjoni mal-Banda u jsir flimkien. Kien hemm qbil pero ser terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss. Is-Sindku Victor Curmi ssuġġerixxa wkoll li għal korsijiet tal-figolli nużaw il-muzew tas-subien biex jekk jaċċettaw inkunu qed ngħinuhom fil-finanzjament tal-grownd. Il-Kunsillier Kevin Cutajar semma li jkun tajjeb jekk niċċirkulaw l-attivitajiet anka mal-mużew tal-bniet.
- Is-Sindku Victor Curmi semma l-attivitajiet li jsiru matul is-sena u kien hemm qbil li dawn jibqgħu isiru – L-Festa tat-tin, Togħma Tradizzjonali u ssuġġerixxa li nibdew naħsbu għal-attivita' kbira għaż-żgħażagħ.
- Rigward it-telephone box tal-Go, sfortunatament il-GO ma humiex qed jikkolaboraw u għadna bla risposta.
- Rigward il-proposta li kellna mal-MGP dwar resurfacing ta' 2 kilometri toroq, il-Kunsill bagħat il-proposti tagħna pero sa issa għadna ma kellna l-ebda konferma.
- Rigwards il-BOQ biex titranġa Triq l-Imrik. Qed nistennew mingħand il-Perit Godwin Sultana li qed jaħdem fuqha.
- Il-BOQ's ta' Triq Karkar qegħdin għand l-MGP pero sa llum risposta kif ser immexxu għad ma għandniex.
- Dwar il-possibilment ta' rilokazzjoni tal-BCRS għat-Tafla. Ninsab infurmat li l-kumpanija qed tistenna l-approvazzjoni ta' Transpost Malta, PA u l-Lands.
- Il-BOQ's għal xogħol ta' konkos fi Sqaq in-Nenus u Triq Għonqa, huma lesti u ser tintbgħat lil MGP.
- Rigward il-Proġett Calypso, tlabna bil-miktub pero sal-lum ma għandniex risposta.
- Rigward il-Christmas Market jeħtieġ li nibdew naħsbu biex nagħmlu attivita' differenti li biha nattiraw aktar pubbliku speċjalment residenti Xagħrin.

- Rigward il-Proġett tal-Ġnien tal-Mitħna. Fondi ser nirċievu €15K li bihom ser nirranġaw il-Fontana u nagħmlu upgrade tal-post. Qegħdin fil-proċess biex toħroġ sejħa għall-offerti.
- Proġett tac-CCTV Cameras kien ser jibda din il-ġimgħa pero' kien hemm bżonn li l-ewwel niċċekjaw minn fejn għaddejjin is-servizzi. Saret talba lil Epic, Melita, Go u Enemalta u bdejna nirċievu r-risposti.
- Proġett biex nibdlu ċ-ċangatura ta' ħdejn l-entratura tal-Mitħna qed nistennew l-BOQ mingħand il-Perit Scerri.
- Proġett biex nagħmlu upgrade ta' trejqet Ġorġ Ċini ktibna lid-Direttur nistaqsu għall-informazzjoni sa meta jrid ikun komplut il-proġett pero sa issa ma għandna l-ebda risposta. Ser ningħataw 75K u l-Kunsill irid jiffinanzja 75K.
- Ġejt infurmat li bħalissa għaddej proċess biex isir masterplan għar-Ramla, għalhekk kemm il-bicycle-rack kif ukoll id-disabled parkings qrib ser jiġu nkluzi f'dan il-masterplan.
- Update dwar it-trinek tal-Pjazza biex il-wires jitneħħew minn mal-faċċati. Qed nistenna tweġiba mingħand l-Inġinier dwar jekk hux possibli li jitneħħew dawk il-kaxxi jew jinstabu oħrajn iżgħar.
- Irċivejna l-approvazzjoni tad-DNO għal Cat House tal-Kortoll. Għalhekk issa nistgħu napplikaw ma TM sabiex niżbħu dawk il-paws.
- Rigward l-applikazzjoni għal fondi għal tiżbiħ tal-playingfield li konna għamilna mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, irċivejna l-ammont ta' €85K.#
- Rigward il-Fairy Lights tal-Pjazza, ser inkun qed nitkellem mal-Għaqda Arma biex kemm jista jkun jagħtuna stima ta' malajr.
- Rigward il-Każ tal-Qorti mas-Sa Jenice Busuttil, din ġiet diferita għal Marzu.
- Rigward iz-Zebra Crossing tal-Pjazza, qed nistennew risposta mill-MGP.
- Rigward il-Camera tal-Bring in Site, dawn ġew re attivati u issa tat-Tafla u Marsalforn ser jerġa jgħaddi l-aċċess lil-LESA.
- Applikajna ma TM biex issir Give Way fi Triq tas-Sellum.
- Hemm talba mill-Arċipriet biex nikkolaboraw billi nipprovdu lill-Father Christmas u l-ħelu għal aħħar ġurnata tan-Novena. Kien hemm qbil dwar dan.
- Is-Sindku Victor Curmi semma li sfortunatament l-invit tal-Kunċert lill-President ta' Malta ma laħaqx intbgħat.

**<u>Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Leanne Micallef dwar:</u>**

- Semmiet is-sitwazzjoni tan-Nazzarenu u n-nuqqas ta' Pjanar. Is-Sindku stqarr li r-residenti kellhom raġun pero' wieħed irid jifhem li x-xogħol irid isir ukoll. Is-servizzi tal-ilma għaddejjin minn kullimkien u qed jinbidlu minħabba li kienu spiċċaw. Il-Kuntrattur ma hux jikkordina magħna u dan mhux xogħol li qed isir mill-Kunsill. Il-Kunsill ma hux se jwaqqaf ix-xogħol.

- Semmiet il-bżonn li jiġu ppreparati t-tokens għar-rebbieħa tal-Autumn Fest. Ser jitlestew biex jingħataw fil-laqgħa li jmiss.

**Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat:**

- Infurmat lis-Seg. Eżekuttiv li hemm 2 bozoz oħra maħruqin f'Għajn Xejba.

- Infurmat lill-membri li l-Clean Up ma saritx minħabba l-maltemp pero' qed jippjanaw li ssir f'Marzu jew April. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmata li l-applikazzjoni mal-ERA trid terġa ssir mill-ġdid.

**Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Marion Portelli:**

- Staqsiet dwar jekk hemmx qbil li jerġgħu jsiru l-korsijiet tal-Keep Fit. Kien hemm qbil li jerġgħu jsiru u għalhekk ser joħorġu l-applikazzjonijiet. Is-Sindku Victor Curmi semma li irċieva talba għal-Pilates. Kien hemm qbil sabiex dawn isiru wkoll.

**Mistoqsijiet mill-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar:**

- Staqsa meta jingħataw permessi għall-għeluq ta' toroq, jekk jingħatgħux avviżi lin-nies u minn kemm qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ma jingħatux avviżi lin-nies, pero' wieħed jista jaċċessa l-permessi kollha li jkunu updated fuq il-website tal-Kunsill.

*18.17p.m. Il-Kunsilliera Leanne Micallef talbet li tiġi skużata u ħarġet mill-kamra.*

**24.5 Kunsiderazzjoni ta'xogħol mill-Minuti preċedenti**

Il-materja relatata ġew diskussi fil-Komunikazzjoni tas-Sindku f'punt numru 24.4.

**24.6 Ħruġ u għoti ta' Offerti**

Kif ġie diskuss f'punt numru 24.4, kien hemm qbil sabiex toħroġ sejħa għall-offerti għall-Proġett ta' tiżbiħ tal-funtana u l-madwar li tinsab ħdejn il-Mitħna.

**24.7 Mozzjoni No 02-25 – Attivitajiet tal-Għid**

Il-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat ressqet mozzjoni li ġiet sekondata mis-Sindku Victor Curmi. Hi pproponiet li għal żmien l-Għid, issir Treasure Hunt u Egg Hunt, u jekk tkun possibli ssir il-Ggantija. Kien hemm qbil dwar dan.

**24.8 Applikazzjoni għal Ġemelaġġ mal-Belt ta' Atessa u mal-Belt ta' Rahovec.**

L-applikazzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet ġew ippreżentati lill-membri. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-fondi li jistgħu jintefqu għal ġemellaġġ ma jistax ikun aktar minn €3,500. Kien hemm qbil unanimu sabiex jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet.

**24.9 Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti;**

- Network tal-Kunsilliera Lokali tal-UE. Fuq talba tal-Kunsilliera Francienne Muscat se nkun qed nagħmel dikjarazzjoni bit-timbru tal-Kunsill sabiex tissieħeb f'din in-network. Kien hemm qbil dwar dan.

- Skema SPI/SCI/07/25 – Il-Kunsill ikkwalifika u ser jingħata s-somma ta' €85,000 Vat inkluż. Il-Kunsill ser jistenna l-eżitu tal-applikazzjoni ma Project Green ħalli mmexxu bil-proġett.

- Talba mingħand resident sabiex issir it-triq ta' Għajn Damma li tagħti għal bejn it-Tafla u Għajn Damma. Din it-talba se tiġi sottomessa lil MGP.

- Kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jipparteċipa fil-programm Rigal b'imħabba kif ukoll dak b'differenza.

- Skema – *The Palm Tree distribution Scheme* mnedija mill-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali. Din l-iskema tagħlaq fis-17ta' Diċembru 2025. Kien hemm qbil sabiex napplikaw għal 20 palma.

- Talba mill-Qasam tal-Mużew fix-Xagħra sabiex il-Kunsill jikkolabora finanzjament għal grownd bit-tapit artifiċjali liema spiża se tqum madwar €16,000. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Talba għall-kollaborazzjoni mingħand Dun Manwel sabiex issir attivita' għat-tfal fiż-żona ta' Ħamet nhar il-Ħadd 28ta' Diċembru 2025. Biex isir il-logħob tat-tfal. Kien hemm qbil sabiex nikkolaboraw sa massimu ta' €200.

- Ittra mingħand resident dwar il-bżonn li jsiru aktar charging pillars fil-lokalita' speċjalment fin-Nazzarenu. Is-Sindku semma li ftit xhur ilu l-Kunsill kien issottometta lista ta' postijiet fejn kien hemm qbil li jsiru. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tikteb lil dipartiment responsabbli sabiex tikseb il-lista approvati.

- Talba mingħand Dun Mikiel Borg għal-kollaborazzjoni fil-festa ta' San Pawl. Kien hemm qbil li jsir bħas-snin preċedenti.

- Korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex dwar Mini sweepers għall-użu tal-Kunsilli Għawdxin. Il-Kunsilli nteressati jridu jinfurmaw lir-Reġjun. Il-Kunsill ser jissottometti l-interess tiegħu.

- Komunikazzjoni mingħand il-Kumitat għall-ismijiet tat-toroq dwar triq Laurent Ropa. Kien hemm qbil li għandna niċċekjaw mar-resident li hemm f'dan is-sqaq u jissemma Sqaq fi Triq Laurent Ropa jew Sqaq fi Triq Bullara, skont kif qed jinkiteb attwalment.

- Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar ressaq talba f'isem ir-residenti biex isir ġanċ għażżibel fi Triq Sruġ. Is-Sindku Victor Curmi fakkar li l-Kunsill qed jipprova jneħħi dawk li hemm eżistenti u zgur mhux se jzid. Kull fejn kien hemm ganż spiċċa dumping site.

- Komunikazzjoni bejn il-Perit tal-Kunsill u TM hija għaddejja kontinwament u TM għadu ma ġiex iffinalizzat. TM ma humiex jaqblu mal-proposti tal-Kunsill imma qed jirrakkomandaw li l-loggia block iduru waħda one-way. Il-pjanti ġew ippreżentati lill-membri.

- Il-Flus li ser jinġabru mill-Kunċert tal-Milied se jsir b'risq il-Community Chest Fund u din is-somma ser tiġi ppreżentata lill-President ta' Malta fis-26ta' Diċembru 2025.

- Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil unanimu li jingħata l-massimu.

- Kien hemm qbil li għandna nitolbu lil TM sabiex isir assessjar tat-traffiku ta' Triq Stellini minħabba li qed jgħaddu b'veloċita qawwija u se jikkaġunaw xi inċident.

- Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-ammont ta' € 168,072.07, hekk kif kienu nklużi fl-iskeda ta' pagamenti numru 9-2025, liema ammont huwa dovut lill-Kuntrattur Richard Cauchi bħala l-ewwel ħlas tal-proġett Ċentru Ċiviku, irċivejnihom fil-kont bankarju mingħand l-MGP fil-15ta' Diċembru 2025. Għalhekk se jkun qed isir tali pagament lis-Sur Cauchi. Kien hemm qbil dwar dan.

**24.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-19.45pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa, 28 ta' Jannar 2026 fis-17.00pm

Konfermati illum L-Erbgħa, 28 ta' Jannar 2026

**IFFIRMATA**

Victor Curmi
Sindku

**IFFIRMATA**

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv